# Stqarrija

## BirdLife Malta tikkundanna t-tellieqa politika perikoluża biex jiddgħajjef l-infurzar ambjentali

BirdLife Malta tesprimi tħassib u diżappunt għall-approċċ li qed jiġi adottat kemm mill-Partit Laburista (PL) kif ukoll mill-Partit Nazzjonalista (PN) dwar il-kaċċa u l-insib, fejn jidher li l-kunsiderazzjonijiet elettorali qed jingħataw prijorità fuq il-protezzjoni ambjentali, is-saltna tad-dritt u l-interessi usa' tas-soċjetà Maltija.

Dikjarazzjonijiet u wegħdi riċenti indirizzati lejn is-settur tal-kaċċa u l-insib jindikaw tellieqa inkwetanti bejn il-partiti politiċi biex jegħlbu lil xulxin b'impenji li jirriskjaw li jdgħajfu l-infurzar u l-kontabilità. Partikolarment allarmanti huma s-sejħiet biex jonqsu l-multi u l-pieni relatati ma' reati serji bħall-qtil ta' għasafar protetti u kaċċa jew insib matul staġuni magħluqa.

Dawn mhumiex "żbalji". Li wieħed jispara apposta lejn għasafar protetti jew li jikkaċċja u jonsob l-għasafar f'perjodi meta dawn l-attivitajiet huma pprojbiti hija deċiżjoni konxja li wieħed jaġixxi kontra l-liġi u kontra s-soċjetà Maltija kollha kemm hi. Reati bħal dawn jimminaw l-isforzi ta' konservazzjoni, idgħajfu r-rispett lejn il-liġijiet ambjentali u jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta.

Fi żmien meta l-qtil illegali tal-għasafar għadu ta' tħassib serju, BirdLife Malta tistaqsi kif jista' jagħmel sens li jonqsu l-multi u l-pieni. Infurzar effettiv jiddependi mhux fuq it-tnaqqis tal-konsegwenzi iżda fuq li jiġi żgurat li l-liġi tkun rispettata u applikata b'mod ġust.

BirdLife Malta hija wkoll imħassba b'dikjarazzjonijiet li allegatament saru minn kandidati li jissuġġerixxu li s-sanzjonijiet imposti fuq individwi li tilfu l-liċenzja tal-kaċċa għal għomorhom wara ksur serju tal-liġi għandhom jiġu riveduti jew revokati. Individwi li tilfu l-liċenzja tagħhom ġralhom hekk wara proċeduri legali stabbiliti u deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti u mill-qrati.

Wegħdi pubbliċi li individwi li kisru l-liġi apposta u li sussegwentement ġew issanzjonati mill-qrati se jkollhom dawn il-konsegwenzi revokati jammontaw, fil-fehma ta' BirdLife Malta, għal xejn inqas minn wegħda ta' maħfra presidenzjali. Dikjarazzjonijiet bħal dawn joħolqu l-perċezzjoni perikoluża li pieni imposti permezz ta' proċessi legali u ġudizzjarji stabbiliti jistgħu sempliċement jitħassru għal gwadann elettorali. Dan jimmina l-fiduċja pubblika fl-indipendenza tal-istituzzjonijiet, fis-saltna tad-dritt u fil-prinċipju li l-ġustizzja għandha tapplika bl-istess mod għal kulħadd.

Daqstant ieħor diżappuntanti hija l-pożizzjoni li ħa l-Partit Nazzjonalista, li jidher li waqa' fl-istess nassa li jagħti importanza politika sproporzjonata lill-kaċċa u l-insib fuq l-interessi usa tal-pubbliku u tal-ambjent naturali. Partikolarment ta' tħassib huma dikjarazzjonijiet li jindikaw li l-kaċċa u l-insib se jiġu salvagwardjati anke f'sitwazzjonijiet fejn dawn il-prattiċi jistgħu jkunu f'kunflitt mal-obbligi li joħorġu mid-direttiva Ewropea tal-Għasafar.

Huwa inġust, u diżappuntanti ferm li wieħed jixhed din il-farsa politika illum. Malta jistħoqqilha tmexxija li tipproteġi l-ambjent, tirrispetta l-istituzzjonijiet u tħares il-liġi bl-istess mod għal kulħadd.

Nemmnu li teżisti maġġoranza silenzjuża favur il-protezzjoni tal-ambjent. Għalkemm ħafna jistgħu ma jivvutawx biss fuq din il-kwistjoni, bla dubju jħossuhom aljenati minn tattiċi daqshekk iddisprati u huma lesti jirreaġixxu meta jkun hemm il-bżonn li l-istituzzjonijiet pubbliċi jinżammu kontabbli. Dan diġà rajnieh f'dimostrazzjonijiet riċenti li rnexxielhom jimmobilizzaw lill-pubbliku fuq kwistjonijiet partikolari, sew jekk oppożizzjoni kontra t-teħid ta' Manoel Island, kif ukoll waqt il-protesta Xebbajtuna.

BirdLife Malta tixtieq tagħmel il-pożizzjoni tagħha ċara: se nkomplu nużaw kull mezz leġittimu u r-riżorsi kollha disponibbli għalina biex inħarsu l-wirt naturali ta' Malta. U fejn ikun meħtieġ, se niddefendu wkoll il-prinċipji demokratiċi u l-integrità istituzzjonali li huma essenzjali għal soċjetà ġusta u ekwa.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org